MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 181/2006

**Talba Nru: 181/06PBC**

**Victor Magro (ID 583948M)**

**Vs**

**Joseph L Genovese (ID 640425M) u b'digriet tat-Tribunal**
**tat-22 ta' Novembru, 2006 l-atti gew trasfusi f'isem ir-rikorrenti**
**Cynthia, Claire u Emily sive Mimi Genovese u Paul Grech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur issottometta illi fil-15 ta' Settembru, 2005 il-vettura Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni MGR 048, proprjeta' ta' l-attur Victor Magro,

kienet ipparkeggata gewwa d-*drive-in* tal-proprjeta' tieghu fi Triq l-Isurjun, Qawra Point, Qawra.

Illi dana d-*drive-in* ghandu hajt mal-genb tieghu illi jiddividi l-proprjeta' ta' l-attur minn dik ta' Joseph L. Genovese jew terzi flimkien mieghu.

Illi l-konvenut Joseph L. Genovese, fix-xhur ta' qabel kien qieghed jizviluppa l-post li jinsab agacenti mal-fond ta' l-attur u bhala parti mix-xoghlijiet li kienu qed isiru mill-konvenut Paul Grech, inhatt il-hajt li jiddividi d-*drive-in* mill-proprjeta' ta' Genovese, sabiex jghaddu ingenji gewwa l-plot ta' Genovese, u sussegwentement rega' ttella'.

Illi, fil-15 ta' Settembru, 2005 dana l-hajt illi kien gie mwaqqa' u mibni mill-gdid minn Paul Grech waqa' gewwa d-*drive-in* ta' l-attur.

Illi, bhala rizultat tal-waqa' ta' dana l-hajt, il-vettura sofriet danni peress illi gebel waqa' fuqha, liema danni gew stmati minn surveyor imqabbad mill-attur fil-valur ta' erba' mija u sebgha w erbghin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm447.22c).

Illi dana l-hajt waqa' unikament minhabba fi traskuragni fil-bini ta' dana l-hjat u Paul Grech, li bena l-hajt jew Joseph L. Genovese, li fuq istruzzjonijiet kien twaqqa' u rega' ttella' l-hajt, ghandhom jinzammu responsabbli ghall-hsarat sofferti intortament mill-attur Victor Magro.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 12 ta' Dicembru, 2005 u ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Jannar, 2006.

Ra r-Risposta ta' Joseph L. Genovese li biha wiegeb illi t-talba ta' l-attur qed tigi kkontestata in vista tal-fatt illi (a) m'humiex legalment u fattwalment responsabbli tad-danni allegatament ikkagunati fil-vettura ta' l-attur; (b) l-imsemmija vettura ma soffriet ebda danni ossija hemm nuqqas ta' nexus bejn l-agir tal-konvenuti u l-hsara allegata; (c) l-ammont pretiz huwa esagerat stante li l-

vettura ma kellhiex l-entita' tal-hsara allegata ossija tali hsara kienet gja' pre-ezistenti ghall-allegat akkadut. Bl-ispejjez kontra l-attur minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta ta' Paul Grech li biha wiegeb illi t-talba attrici qed tigi kkontestata in vista tas-segwenti:

1. Nuqqas ta' responsabbilta' legali u fattwali ghall-incident in kwistjoni stante nuqqas ta' nexus bejn l-agir tal-konvenut Grech u l-allegati hsarat.

2. Il-konvenut Grech esegwixxa x-xoghlijiet strutturali skond kif titlob is-sengha u l-arti u l-allegati hsarat se mai graw minhabba "force majeure".

3. Illi l-istess xoghlijiet saru taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-Perit Arkitett konvenut u ghalhekk il-konvenut Grech m'ghandux jigi ritenut responsabbli ghall-istess.

4. L-ammont mitlub huwa esagerat state li minn kostatazzjoni li saret fuq il-vettura in kwistjoni dan certament ma kienx jeccedi s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100).

B'riserva ghar-Risposta ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-attur minn issa ngunt in subizzjoni.

Sema' x-xhieda ta' PS 125 Malcolm Mifsud, Natalino Agius, David Christie, Victor Magro, Paul Grech u ta' Cynthia Genovese.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Francesco Depasquale ghall-attur u ta' Dr Anthony Cutajar ghall-konvenuti.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MGR 048 ta' Victor Magro kienet ipparkjata fid-*drive-in* tal-proprjeta' tieghu fi Triq l-Isurjun, Qawra

Point, Qawra.  Dakinhar kienet gurnata ta' rih u fil-fatt jidher illi ghall-habta ta' 4.45p.m ir-rih kien tela' ghal 44.4 kilometri fis-siegha li huma ekwivalenti ghal forza 6.

Faccata tat-triq fejn kienet ipparkjata l-karozza ta' Magro kien hemm hajt li kien gie mibni recentement mill-konvenut Grech taht id-direzzjonijiet u ordnijiet tal-Perit Joseph Genovese li kien sid l-istess proprjeta'.  Il-hajt kien twil madwar tletin pied u gholi ghaxar filati u kien tal-*bricks* u ma kienx fih pilastri.  Dan il-hajt waqa' kompletament kif jidher mill-varji ritratti esebiti fl-atti tal-kawza u meta waqa' dan il-hajt, dan waqa' catt fit-triq.
L-attur qed jallega li parti mill-*bricks* tal-hajt waqghu fuq il-vettura tieghu li kienet ipparkjata n-naha l-ohra tat-triq u b'hekk soffriet il-hsara mertu tal-kawza odjerna.

Tajjeb li ssir referenza ghall-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) per Onor Imhallef Philip Sciberras fil-kawza "**Albert Farrugia Vs Peter Galea et"** (deciza 07/02/2007 Avviz numru 1543/2005):

"….huwa risaput illi skond il-ligi taghna presuppost generali tar-responsabbilta' hu kostitwit bid-*dolo* jew bil-*colpa*.

Ghandu jigi osservat pero' illi skond id-duttrina moderna l-fonti primarju tar-responsabbilta' mhix dejjem ravvizabbli f'imgieba mputabbli minn dolo jew kolpa tant li jezisti dibattitu vivaci jekk ghandhomx jigu kkunsidrati kriterji ohra rilevanti.  Dan qed jigi rilevat ghaliex anki fl-istess Kodici Civili taghna flimkien mal-kolpa jew dolo bhala elementi li jikkaratterizzaw l-illecita' jezistu sitwazzjonijiet ta' responsabbilta' specjali fejn l-obbligu tar-rizarciment jissussisti bil-fatt tal-verifika tad-dannu. Ara, ad ezempju, Artikoli 1034 u 1037;

Dan premess, u cionostante, jidher fl-istat prezenti tal-ligi li r-responsabbilta' ghall-fatt doluz jew kolpuz hi r-regoli generali mentri d-dispozizzjonijiet specjali, li ma jirrekjedux il-kolpa, jikkostitwixxu l-eccezzjoni.

Strettament il-kwistjoni hawn involuta mhix din imma hi wahda kollegata mall-piz tal-provi, jigifieri jekk kienx jaggrava fuq l-attur appellat li jipprovdi prova tal-kolpa fl-appellanti;

In linea ta' principju generali ghall-ezistenza tal-htija jrid ikun hemm il-prova tal-kolpa, u billi hu l-attur li jallega, din il-prova tmiss lilu. Hekk allura, b'illustrazzjoni, jinsab ritenut illi *"il vicino il cui fabbricato è incendiato come conseguenza dell' incendio sviluppato in uno stabilimento vicino, se chiede una indennita` al conduttore o proprietario di tale stabilimento, ha l' onere della prova della colpa di tale proprietario o conduttore perche egli invoca contro di lui un diritto che non ha altro fondamento che la colpa di colui contro il quale il reclamo vien fatto"* (**Kollez. Vol. XXV P III p 768**). Dan, izda, mhux dejjem hu hekk il-kaz;

Hu difatti rikonoxxut illi jezistu kazijiet fejn il-fatti dannuzi juru l-impronta tal-htija, b'mod li min ikun ipprova dawk il-fatti ghandu jinftiehem li pprova wkoll il-htija u allura jkun obbligu ta' min ikun kagun ta' dawk il-fatti li jipprova li hu ma kellux htija filli ssuccieda. Jinghad a propozitu, b'ezemplari, illi *"all' attore incombeva soltanto la prova del danno sofferto e non stava a lui di provare che la causa di quel danno fosse stato la colpa dell' operaio"* (**Kollez. Vol.XXIV P I p 893**). Dan kien kaz fejn id-dannu pretiz fil-mutur kien ikkagunat minn haddiem fil-kors ta' l-ezekuzzjoni tat-tiswija tieghu. Issokta jinghad f'din l-istess decizjoni illi *"spettava al convenuto di dimostrare che egli nell' esecuzione di quel lavoro aveva adoperato la diligenza, la prudenza e l' attenzione da lui dovuta e che il danno fosse attribuito non a sua colpa ma al caso fortuito o ad alter cause estranee da lui indipendenti"*; Hawnhekk, tista' tghid, qeghdin f'sitwazzjoni konsimili.

Kulma kellu jipprova l-attur kien il-fatt ta' l-ingress ta' ilma fil-fond tieghu provenjenti mill-appartament sovrastanti, proprjeta' ta' l-appellanti. Hi din il-prova tanness materjali tal-kawzalita' bejn l-ingress ta' l-ilma u d-dannu verifikat li kienet tinkombi fuq l-attur. Dan ghaliex fil-kaz prezenti ninsabu fil-prezenza tar-responsabbilta' oggettiva, hekk

kreata mis-sitwazzjoni taz-zewg fondi, ghal liema jghoddu wkoll il-principji tar-*res ipsa loquitur.*"

Fid-dawl tal-premess it-Tribunal huwa tal-fehma li l-fatt innifsu li l-hajt waqa' hija prova ta' htija u dan johloq prezunzjoni ta' *res ipsa loquitur* fil-konfront tal-konvenuti. Din il-prezunzjoni hija ribattibbli izda l-piz tal-prova hija fuq il-konvenuti. Ma' dan it-Tribunal izid illi mill-provi jidher car illi l-hajt in kwistjoni ma kienx mibni skond l-arti u s-sengha. Ma kien fih l-ebda pilastri u inoltre, minn ezami akkurat tar-ritratti jidher li dan il-hajt ma kienx ingaljat sew fit-trufijiet limitrofi tieghu.

Ghalkemm f'dan il-kaz it-Tribunal ma giex mghejun minn Espert Tekniku, t-Tribunal ihoss li m'hemmx bzonn il-hatra ta' Espert f'dan il-kaz stante illi huwa ovvju illi hajt ta' tul ta' tletin pied, hemm il-bzonn ta' pilastri jew almenu xi forma ta' *support* kull certu distanza. Il-plot fejn inbena dan il-hajt ma kienx mibni u kien espost ghall-elementi u minn ezami tad-dokumenti esebiti minn Cynthia Genovese huwa evidenti illi minn zmien ghal zmien dan il-hajt ser jinhakem minn rih li jigi min-naha tal-Majjistral li huwa rih prevalenti f'dawn il-gzejjer.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal m'huwiex sorpriz li l-hajt waqa' kif waqa' tenut kont ic-cirkostanzi partikolari kif sehhew u rapportati aktar 'il fuq.

Il-Perit Genovese bhala sid huwa obbligat li jiehu hsieb il-proprjeta' tieghu u inoltre, jidher li l-hajt gie mibni skond l-istruzzjonijiet tieghu u konsegwentement is-successuri fit-titolu tieghu huma responsabbli ghal dan l-akkadut. Il-konvenut Paul Grech kien il-bennej inkarigat mix-xoghol u bhala tali kien obbligat li jibni skond l-arti u s-sengha, kienu x'kienu d-direzzjonijiet li nghataw lilu mill-Perit u similment it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut Grech huwa wkoll responsabbli talli dan il-hajt ma kienx mibni skond is-sengha. Huwa elokwenti l-fatt illi sua sponte l-konvenut Grech meta xehed qal illi ghalkemm dan il-hajt kien ingaljat fit-truf tieghu, pero' fin-nofs ma kienx hemm pilastri. Certament mill-esperjenza tieghu ta' tlieta u tletin sena bhala bennej, kien konxju illi hajt simili kien jirrikjedi

l-pilastri partikolarment in vista tal-fatt illi dan il-hajt kien vicin il-bahar u kien espost ghar-rih prevalenti tal-Majjistral.

Il-konvenuti jsostnu li l-hajt waqa' minhabba l-forza magguri – r-rih qawwi. Mill-provi jirrizulta li ghalkemm jirrizulta li dakinhar kien rih li tela' sa forza 6 pero' dan ma kienx xi rih straordinarju u inaspettat f'dawn il-gzejjer. Il-plot tal-konvenut Genovese huwa vicin il-bahar u m'ghandux ilqugh ta' bini u jinsab espost ghar-rih gej mill-Majjistral tat-Tramuntana u ghalhekk il-hajt kellu jinbena b'tali mod li jiflah ghal dawn l-elementi. Wiehed irid jahseb ghall-elementi. Illi ghalhekk l-eccezzjoni tal-forza magguri ma gietx provata u qed tigi respinta.

Ghar-rigward tad-danni kien hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet jekk id-danni mitluba kienux effettivament hemm qabel sehh l-incident jew jekk sehhewx verament b'rizultat tal-gebel li waqa' u laqat l-istess vettura.

It-Tribunal ezamina sew ir-ritratti esebiti w anki x-xhieda prodotta quddiemu u huwa konvint illi l-kawza probabbli tal-hsarat in kwistjoni huwa imputabbli ghall-gebel li waqghu u laqtu l-vettura ta' l-attur. Mir-ritratti esebiti jidher li dawn il-gebel fil-fatt kwazi ccirkondaw il-karozza, jigifieri kien hemm gebel quddiem u anki wara l-istess u ghalhekk huwa vero simili illi effettivament, man-naha tal-genb, fejn ukoll kien hemm gebel, li dan laqat il-karozza u b'hekk ikkawza hsara lill-istess vettura liema hsara hija dik proprju mitluba mill-attur fil-kawza odjerna. Il-gebel waqa' kullimkien u li huwa ta' skantament huwa li l-hsara ma kienetx ikbar. Il-quantum gie debitament ikkonfermat mill-attur u anki mis-Surveyor Natalino Agius u ghalhekk jidher gustifikat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort u htija tas-successuri tal-Perit Genovese u tal-konvenut Grech u jikkundannhom ihallsu lill-attur is-somma minnu mitluba ta' erba' mija u sebgha w erbghin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm447.22c) bin-nofs

bejniethom. L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu ugwalment bejn iz-zewg konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------